MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2014

Numru 343/2012

Il-Pulizija

(Spettur Fabian Fleri)

vs

Mohamed Reyad Mahmoud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat, detentur ta’ karta ta’identita  numru 32858 (A)

Akkuzat talli bejn l-14 ta’ Jannar 2012 u l-10 ta’ Marzu 2012 gewwa San Gwann u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. xjentament xtrara jew laqa’ghandu oggett misruq u cioe’ mobile phone tal-ghamla  Apple I phone li l-valur tieghu  ma jeccedix il-€2329.4 (LM1000), mehud b’qerq jew akkwistat b’reat

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghu jew imexxieh.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat.

L-imputazzjoni tixli l-imputat b'ricettazzjoni.

Il-fatti privati juru li t-telefon cellulari meritu l-kawza kien gie misruq u wara mibjugh lill-imputat

Jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxata li hu kien xtara c-cellulari minghand xi hadd li ma kienx jaf x'jismu u li tieghu ma kien ha ebda dettalji. Kien qabad u xtrah bic-"charger u l-UPS" tieghu minghajr lanqas staqsa bhala minimu kif dan gie fil-pusses tieghu. Skond l-istqarrija staqsieh biss jekk kienx tieghu u jekk jahdimx man-"networks" kollha. Saret enfazi mid-difiza dwar il-prezz li hallas l-imputat ghalih fis-sens li kien prezz realistiku.

Fuq daqstant, pero', l-imputat mhux skagjonat stante li huwa bil-wisq car, li hu letteralment ghalaq ghajnejh. Fi kliem iehor xtrah "fil-ghami".

Hija il-fehma tal-Qorti li dan il-fattur biss huwa bastanti ghall-konvicju.

Ghaldaqstant, tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 334 (a), 261(c), 279(a) tal-Kap 9.

Ikkonsidrat l-fatt li c-cellulari "de quo" gie restitwit lil sidu.

Tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat ghall-perjodu ta'sena mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------